# IX-XWEJJAĦ TAR-RAĦAL

*Lil Ħabibi G. Aquilina li jgħożżni.*

Qam bi tbatija u twieżen fuq il-ħatar,
u medd riġlejh bil-ħarsa ċassa mriegħda,
taħt is-siġra tal-misraħ biex jinsatar
mill-wiċċ tad-dinja u jarġa' jmur bil-qiegħda.

Minn fejn biebu sas-siġra għal fil-għaxija
iqis il-mixja, u minn saqajh iż-żrara
ikeċċi b'dak il-ħatar: fix-xjuħija
ta' kull xewqa riġlejh m'għadux bi ħrara

isuq bil-ġwienaħ ta' l-Imħabba ħieles,
bin-nar ta' l-Għira li trid tisboq l-għadu.
Qalbu l-lum battlet mill-frugħat it-tlieles,
għajnejh għajew mill-bogħod l-hena jistâdu . . .

Malli tad-dlamijiet toqrob is-siegħa,
bħal dell ta' żmienhom ix-xwejħiet nissieġa
għaddej jarawh, u jiftakruh: kien xbieha
ta' ġmiel u saħħa, u fosthom kien ħuġġieġa.

U jiftakruh; hu biss baqa' tifkira;
tfajjel għafrid itir mar-riħ fuq bhejjem,
jarfa' l-itqal Salib tal-Gimgħa l-Kbira,
ċangun fuq dahru u l-aqwa tgħabi dejjem.

Jidħol u jfieraq: dejjem hu fi ġlieda;
id-dehra tiegħu lil kull aħrax tbażża'.
Issa qiegħed hemm; u siket għal għarrieda
fl-għabex taħt siġra minn kull werqa mnażżgħa...

Bħal weraq niexef mill-irjieħ imwaqqa',
bħal dgħajsa mkissra mill-mewġiet fuq plajja,
issa qiegħed hemm: jistenna l-aħħar daqqa
tar-riefnu l-kbir li taħsdu minn dil-ħajja.

A. CREMONA.

7 ta' Diċembru, 1933.

# MIKIEL ANTON VASSALLI *

*Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel, paġ. 61.*

Wara li l-Franċiżi kellhom iċiedu l-Belt lill-Maltin u ħallew il-Gżejjer ta' Malta u Għawdex (Settembru 1800) sa kemm inbagħad sar it-Trattat ta' Pariġi li twettaq fit-30 ta' Mejju, 1814, Malta, għalkemm taħt il-protettorat tal-Kuruna Ingliża, baqgħet bejn ħaltejn taħt liema Potenza se'jmissha toqgħod jew x'għamla ta' Gvern se'jkollha.

Bil-għaxar articlu tat-Trattat tal-Paċi, (magħmul f'Amiens fis-27 ta' Marzu, 1802) kien inqata' li Malta għandha tarġa' taqa' f'idejn l-Ordni b'dawk il-pattijiet li milli jidher jaqblu ħafna ma' dawk li kien hemm imfisser fil-memorjal li darba kien imressaq minn Vassalli fi żmien De Rohan. Fost dawn kien hemm li fl-Ordni kellha titwaqqaf il-Lingwa Maltija, bil-Berġa tagħha mingħajr il-ħtieġa li l-Kavalieri Maltin ikunu ta' nisel nobbli; ftuħ tal-Portijiet ta' Malta b'kummerċ libru għall-bastimenti *tan-nazzjonijiet kollha*, b'lazzarett miftuħ għall-Ban-dieri kollha, bil-patt, iżda, illi l-artijiet ta' Barbarija ma jidħlux mal-pajjiżi l-oħra fil-kummerċ libru sakemm l-Ordni, li fiha l-Potenzi jkollhom il-Lingwa tagħhom, ma jiġux għal xi ftehim ta' paċi mal-Barbarija. Il-ħsieb tal-Potenzi li jroddu 'l Malta f'idejn l-Ordni kien li jqiegħdu dawn il-Gżejjer f'kon-dizzjoni għaliha li ma jkollha x'taqsam ma' ħadd mill-Potenzi ta' l-Ewropa li ippretendewha. Il-Maltin bagħtu id-Deputati l-Ingilterra biex ifissru li ma qablilhomx jerġgħu jiġu f'idejn l-Ordni għalavolja b'dawk il-pattijiet, u li mhux tassew li taħt l-Ordni Malta tkun għaliha bla ma jkollha rabta ma' Potenzi oħra. Dawn id-Deputati talbu wkoll illi l-irsiera Maltin li kienu qegħdin fl-Alġerija jiġu mifdijin bħalma gew fi Stambul u u fil-pajjiżi tat-Torok.

Għal xi raġunijiet politiċi l-Ingilterra żammet il-gżejjer ta' Malta. Fost dawn ir-raġunijiet kien hemm dik li fl-Ordni ma kienx għad hemm dawk in-nazzjonijiet ta' żmien it-twettiq tat-Trattat, u, tarġa', ma kienx hemm biżżejjed fondi biex jagħmlu tajjeb għall-indipendenza tal-Gżira taħt il-ħakma ta' l-Ordni. Il-Gvern Ingliż waħħal fi Franza u fi Spanja talli

* Tagħrifa—Fin-Nota ta' l-aħħar biċċa fuq VASSALLI (Ara "IL-MALTI" Settembru, 1933, faċċ. 88) fil-vers ta' l-aħħar, il-qawl latin hu miġjub *kif hemm minqux* fuq il-bieb tal-Palazz, jigifieri bil-kliem imtenni, iżda dik il-kitba hi maħsuba li għandha tinqara minn tarf għal-tarf jew aħjar minn statwa għall-oħra ta' bejn il-bieb, u l-kelmiet l-oħra tan-nofs għalihom. Għalhekk aqra bis-sens: ARMIS ET LEGIBUS (*bl-Armi u bil-Haqq*).